MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-23 ta' April, 2015

Rikors Kongunt Numru. 69/2015

**AB**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

I. Illi l-esponenti zzewwgu nhar is-16 ta' Settembru 2000 – skont kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv hawn anness u mmarkat bhala Dok A – u min dan iz-zwieg huma kellhom tifla, u cioe' EB, li twieldet nhar it-3 ta' Dicembru 2004;
II. Illi permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall tat-8 ta' Novembru 2007 – li kopja legali tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok B – l-esponenti sseparaw legalment taht il-pattijiet u l-kondizzjonijiet kollha hemm imfissra;

III. Illi l-kontendenti ilhom ma jghixux flimkien sa minn qabel l-imsemmija data tat-8 ta' Novembru 2007, u ma jezisti l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni;
IV. Illi l-esponenti A B ihallas il-manteniment kollu li hu dovut minnu, skont il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-istess imsemmi kuntratt, b'mod regolari u puntwali u ghalhekk ma hemm l-ebda kwistjoni pendenti f'dan ir-rigward bejn il-kontendenti;
V. Illi ghalhekk, fil-fehma umli tal-esponenti, l-kondizzjonijiet kollha mahsuba fl-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) huma sodisfatti, u in vista tal-fatt illi l-esponenti huma gja' separati permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

Talbu li din il-Qorti joghgobha :

I. Tippronunzja, skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66A tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), il-hall taz-zwieg tas-16 ta' Settembru 2000 ta' bejn l-esponenti, ghal finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;
II. Tordna, skont id-disposizzjoijiet tal-Artikolu 66 A (4) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), lir-Registratur tal-Qorti sabiex, f'dak iz-zmien li joghgobha tiffissa din il-Qorti ghal dan l-iskop, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-kontendenti sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Frar, 2015;

Rat l-affidavit bix-xhieda taz-zewg partijiet;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-8 ta’ Novembru 2007 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------